



Il-Kummissjoni
Ewropea



Il-Premju
Ewropew għall-Promozzjoni
tal-Intrapriża

2014

Werrej

3. Kelmtejn Qabel
4. Fatti u Ċifri
5. Att dwar in-Negożji ż-Żgħar
6. Il-Ġurija
7. Nifhmu l-Proċess tax-Xogħol tal-Ġurija
8. Rebbieħ tal-Premju l-Kbir tal-Ġurija
10. Promozzjoni tal-Ispirtu Intraprenditorjali
11. Investiment fil-Ħiliet Intraprenditorjali
12. Titjib tal-ambjent kummerċjali
13. Appoġġ għall-Internazzjonalizzazzjoni tan-Negożju
14. Appoġġ tal-Iżvilupp ta' Swieq Ħodor u Effiċjenza ta' Riżorsi
15. Intraprenditorija Responsabbli u Inklużiva
16. Referenzi Speċjali
17. Il-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2015
18. Rebbieħa Nazzjonali 2014
21. Rebbieħa tal-Premju l-Kbir tal-Ġurija fil-Passat
22. Netwerk tal-Promoturi
23. Id-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija tal-Kummissjoni Ewropea

Avviż Legali La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna oħra li taġixxi f'isimha ma jistgħu jinżammu responsabbli għal kif tintuża l-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni, u lanqas għall-iżbalji li jista' jkun hemm għalkemm il-preparazzjoni u l-verifika saru bir-reqqa. Din il-pubblikazzjoni mhux bilfors tirrifletti l-opinjoni jew il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014.

ISBN 978-92-79-38954-2

© Unjoni Ewropea, 2014

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors ikun rikonoxxut, flief jekk jingħad mod ieħor.

Għal użu/riproduzzjoni ta' materjal ta' drittijiet tal-awtur ta' terzi, speċifikati bħala tali, għandu jintalab permess mid-detentur(i) tad-drittijiet tal-awtur.

Dan ir-rapport huwa ffinanzjat skont il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni I li għandu l-għan li jħeġġeġ il-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej.

Il-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża huwa organizzat mid-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija tal-Kummissjoni Ewropea.

Kuntratturi għall-Assemblea SME u l-EEPAs: Low Associates (speċjalisti f'avvenimenti ta' status għoli u ta' politika internazzjonali) u Hanover (konsulenza għall-komunikazzjonijiet internazzjonali), żewġ SMEs li huma kburin li qed jgħinu SMEs oħrajn jikbru.

Kelmtejn qabel



Il-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża 2014 (EEPAs) rċieva entrati minn numru rekord ta' pajjiżi mill-Ewropa kollha; kollha għamlu ħilithom għall-opportunità li jirbħu fil-kategorija tagħhom, jew għar-rikonoxximent aħħari tal-Premju l-Kbir tal-Ġurija prestiġjuż. Total ta' 31 pajjiż issottomettew entrati għall-EEPAs, inkluż it-28 Stat Membru kollha tal-UE, flimkien mal-Islanda, is-Serbja u t-Turkija. Il-persuni nominati kollha wrew il-passjoni tagħhom biex jgħinu lill-SMEs joħolqu u jkabbbru n-negozji tagħhom. Din hija l-opportunità tagħna li nirrikonoxxu l-proġetti li appoġġjaw u ħeġġew lil intraprendituri ta' kull età u minn kull aspett tal-ħajja. Aħna nroddu ħajr lil dawn l-organizzazzjonijiet li għandhom rwol tant kruċjali biex jiżguraw li l-intraprenditorija tibqa' karriera vijabbli u mixtieqa għal tant persuni fl-Ewropa.

Mill-2006, aktar minn 2 800 proġett ħadu sehem f'kompetizzjonijiet nazzjonali biex ikollhom l-opportunità jikkompetu fil-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża. Minn dawn, 42 proġett diġà rebħu EEPA u ngħataw l-opportunità li juru l-ħidma tagħhom mal-Ewropa kollha kif ukoll jispiraw l-aħjar prassi. Kollha flimkien, dawn il-proġetti għenu biex joħolqu eluf ta' kumpaniji u taw kontribut għal żieda fit-tkabbir ekonomiku Ewropew.

Il-kreattività u l-immaġinazzjoni li l-parteċipanti juru sena wara sena hija tassew affaxxinanti u ta' ispirazzjoni f'ammonti indaq; u inizjattivi bħal dawn iħeġġu lill-SMEs biex ikomplu bl-irwol vitali tagħhom għaż-żamma u r-riġenerazzjoni tal-ekonomija tal-Ewropa.

Hekk kif naqsmu mad-dinja r-rebbieħa tal-2014 u s-suċċessi tagħhom, nixtieq niringrazzja personalment lill-organizzazzjonijiet kollha li ħadu sehem u lill-Koordinaturi Nazzjonali li mexxew il-kompetizzjonijiet fil-pajjiżi parteċipanti kollha. Il-kompetizzjonijiet nazzjonali huma essenzjali biex jiżdied l-għarfien dwar kif il-korpi pubbliċi kif ukoll is-sħubijiet tas-settur pubbliku/privat jappoġġjaw in-negozji ż-żgħar.

Mijiet ta' proġetti kkompetew għal opportunità li jirbħu premju EEPA din is-sena; intgħażlu 58 minn pajjiżhom biex jikkompetu f'livell Ewropew. Għalhekk kunu ċerti li s-seba' rebbieħa, it-trax li ġew warajhom u tliet proġetti b'referenzi speċjali ppreżentati hawnhekk, jirrapreżentaw l-aqwa proġetti. Nispera li l-ideat u l-innovazzjonijiet tagħhom se jkunu ta' ispirazzjoni għall-organizzazzjonijiet u l-individwi madwar l-Ewropa biex jaħdmu aktar għan-negozji ż-żgħar, li huma l-forza motriċi tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa.

Ferdinando Nelli Feroci

Membru tal-Kummissjoni Ewropea għall-Intraprenditorija u l-Industrija

Negozji żgħar li qed imexxu t-tkabbir Ewropew



L-SMEs huma kumpaniji indipendenti b'inqas minn 250 impjegat.

Jiprovdu tnejn minn kull tliet impjegi fis-settur privat u huma responsabbli għal 85% tal-impjegi mañluqa ġodda. L-SMEs jammontaw għal 67% tal-impjegi totali u 58% tal-valur miżjud gross (GVA).

L-aħħar riċerka turi li l-SMEs għadhom jiffurmaw is-sinla tal-ekonomija Ewropea, b'madwar 20.6 miljun ditta li jimpjegaw aktar minn 87 miljun persuna; u li jammontaw għal aktar minn 99.8% tal-intrapriżi kollha.

L-akbar sehem tal-intrapriżi huwa rrappreżentat minn mikro ditti b'anqas minn għaxar impjegati – 92%.



Inpoġġu n-Negozji ż-Żgħar l-Ewwel: l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa

L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (SBA), li ġie adottat f'Ġunju 2008, jirrifletti r-rikonoxximent tal-Kummissjoni tar-rwol ċentrali li għandhom l-SMEs fl-ekonomija tal-UE. Għall-ewwel darba, jimplimenta qafas politiku komprensiv dwar l-SMEs għall-UE u l-Istati Membri tagħha.

L-għan tal-Att huwa li jtejjeb l-approċċ ġenerali għall-intraprenditorija u jħaddem b'mod permanenti l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" fit-tfassil tal-politika - mir-regolamentazzjoni sas-servizz pubbliku. L-Att jaħdem biex jippromwovi t-tkabbir tal-SMEs billi dawn jiġu megħjuna jegħlbu l-problemi li jfixklu l-iżvilupp tagħhom, b'mod partikolari billi jiffoka b'mod partikolari fuq l-inizjattivi li jgħinu lin-negozji ż-żgħar jikbru billi:

- Inaqas il-burokrazija żejda
- Jipprovdni aċċess għall-finanzjamenti
- Ikabbar l-aċċess għas-swieg
- Joħloq ambjent intraprenditorjali
- Jadotta għodod tal-politika pubblika skont il-ħtiġijiet tal-SMEs

Fl-aħħar nett, l-Att ifittex ukoll li jwassal għal bidla fit-tul fl-attitudnijiet - billi joħloq aktar kuxjenza dwar ir-rwol li għandhom l-intraprendituri fis-soċjetà u jkun ta' ispirazzjoni għall-impredituri potenzjali.

Riżultat: Il-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża

Il-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża jappoġġja l-għanijiet tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar billi jirrikonoxxi l-innovazzjoni u jippremja s-suċċess tal-korpi pubbliċi u s-sħubijiet pubbliċi-privati fil-promozzjoni tal-intrapriża u l-intraprenditorija fil-livell nazzjonali, reġjunali u lokali.

Mibgħuta tal-SMEs

Bħala parti mill-SBA, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jinnominaw Mibgħut tal-SMEs nazzjonali biex jikkomplimentaw r-rwol tal-Mibgħut tal-SMEs tal-Kummissjoni Ewropea, is-sur Daniel Calleja Crespo. Flimkien mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-SMEs fuq livell tal-UE, in-Netwerk tal-Mibgħuta tal-SMEs jiffaċilita' l-implimentazzjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar fuq livell Ewropew u fl-Istati Membri.

Biex issir taf aktar dwar il-Mibgħuta tal-SMEs żur <http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/small-business-act/sme-envoy/> jew segwihom fuq Facebook: www.facebook.com/MrSmeForEurope

Il-Ġurija

Kull sena, Ġurija Ewropea indipendenti ta' livell għoli jkollha l-kompitu diffiċli li tagħżel l-aħjar parteċipanti f'kull kategorija. Il-Ġurija ta' din is-sena kienet tinkludi rappreżentanti mill-gvern, min-negozji u mill-akkademja kif ukoll membri mill-Greċja u l-Italja – bħala parti mill-presidenzi tal-UE tagħhom matul l-2014.

Hemm ukoll żewġ rappreżentanti permanenti, waħda mid-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija, u wieħed mill-Kumitat tar-Reġjuni. Ir-rebbieħ tal-Premju l-Kbir tal-Ġurija tas-sena preċedenti wkoll jiġi mitlub ikun parti mill-Ġurija. Fl-2014 il-Ġurija hija magħmula minn:



Joanna Drake

Ċerpensin tal-Ġurija tal-EEPA
Direttur, SMEs u
Intraprenditorja tal-
Kummissjoni Ewropea, DĠ
Intrapriża u Industrija

Joanna ilha Direttur responsabbli għall-promozzjoni tal-intraprenditorija u l-SMEs fid-Direttorat-Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija tal-Kummissjoni Ewropea sa mill-2010. Hija qabel kienet Kap tar-Rappreżentanza tal-KE f'Malta u qabel dak, Kap tad-Dipartiment Legali u Regolatorju ta' Vodafone Malta Ltd, Joanna għallmet ukoll u rriċerka il-liġi fl-Università ta' Malta u studjat fil-Kulleġġ tal-Ewropa fi Bruges.



Prof. Thomas M. Cooney

Professur fl-Intraprenditorija,
Dublin Institute of Technology

Thomas huwa Professur fl-Intraprenditorija fid-Dublin Institute of Technology u Direttur Akkademiku tad-DIT Institute for Minority Entrepreneurship. Huwa Membru tal-Fondazzjoni Daniża għall-Intraprenditorija u Ċerpensin tal-Konferenza Dinjija tal-ICSB 2014. Thomas għallmet, għamel riċerka, u ppubblika b'mod mifruq fil-qasam tal-Intraprenditorija.



Dr. Gundars Strautmanis

President tal-Kunsill, Kamra
tal-Kummerċ u l-Industrija tal-
Latvja (LCCI)

Dr. Gundars Strautmanis bħalissa huwa l-president tal-LCCI u membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE). Gundars qabel kien President/Ċermen tal-Bord tad-Diretturi ta' Lattelcom Ltd u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' FORMULA, impriża konġunta Kanadiża-Latvjana kif ukoll kelli pożizzjonijiet ewlenin fl-Istitut tar-Riċerka Xjentifika ta' Riga ta' Mikro Tagħmir ta' JSC ALFA.

Nifhmu l-proċess tax-xogħol tal-ġurija

Il-pajjiżi individwali ġew mistiedna jorganizzaw kompetizzjonijiet nazzjonali biex jiddeterminaw liema huma l-aħjar proġetti biex jirrappreżentaw in-nazzjon tagħhom.

Mijiet ta' proġetti kkompetew fil-kompetizzjonijiet nazzjonali fl-2014 għal ċans biex jipparteċipaw fil-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża. Il-pajjiżi tħallew jinnominaw massimu ta' żewġ parteċipanti (f'kategoriji differenti) għall-kompetizzjoni Ewropea.

Kull membru tal-Ġurija jaqra u jevalwa kull parteċipazzjoni skont kriterji definiti: oriġinalità u fattibbiltà, impatt fuq l-ekonomija, titjib fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet interessati, trasferibbiltà.

Il-Ġurija mbagħad tiltaqa' u tiddiskuti l-aqwa parteċipanti tagħhom minn kull kategorija, qabel tagħżel ir-rebbieħa, dawk li jiġu fit-tieni post u fejn xieraq, referenzi speċjali. Il-lista qasira mbagħad tiġi ppubblikata f'tit żmien wara l-laqgħa tal-ġurija u r-rebbieħa jiġi tħabbru waqt iċ-Ċerimonja tal-Premjijiet fl-Assemblea SME.



**Giuseppe
Tripoli**

Mibgħut tal-SMEs għall-Italja

Giuseppe nħatar Kap tad-Dipartiment għall-Intrapriża u l-Internazzjonalizzazzjoni fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku fl-2009, u qabel kien is-Segretarju Ġenerali ta' Unioncamere mill-2001 sal-2009. Huwa ilu Mibgħut tal-SMEs għall-Italja minn Frar 2011. Fl-2012 ġie maħtur bħala Garantur Taljan għall-intrapriżi mikro u SMEs.



**Marta
Martí Carrera**

Ċerspin għall-Kumitat tal-Intraprenditorija u l-SMEs ta' BUSINESSEUROPE

Fl-2005 Marta ħolqot Tribu Respira biex tipprovdi lill-kumpaniji b'għodod utli għall-ġestjoni tan-negozju, li jgħinu biex jgħollu l-produttività u jiskopru t-talent moħbi tal-impjegati. Il-kljenti tagħha jinkludu bosta ditti prestiġjużi. Hija intraprenditur serjali u qed tiżviluppa żewġ kumpaniji oħra: "Sips of Light" u Mitochondria, kumpanija ta' produzzjoni awdjoviviva.



**Thomas
Wobben**

Kumitat tar-Reġjuni

Wara li studja l-Ekonomija u l-Politika, Thomas ħadem għal organizzazzjonijiet fis-settur volontarju. Fl-1993 huwa ngħaqad mas-servizzi tal-politika Ewropea tal-Land Saxony-Anhalt u fl-1995, beda jaħdem mal-Liaison Office ta' Saxony-Anhalt fi Brussell, fejn laħaq Direttur fl-2000. Minn Marzu 2012 huwa Direttur għall-Politiki Orizzontali u Netwerks fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni.



**Dionysios
Tsagkris**

Mibgħut tal-SMEs għall-Greċja

Bħala Kap tad-Direttorat tal-Politika tal-SMEs, Dionysios ħadem b'mod attiv fuq l-iżvilupp tal-politika dwar l-SMEs u l-Intraprenditorija fil-Ministeru tal-Iżvilupp u l-Kompetittività. Huwa ppresida diversi kumitati ta' politika ta' implimentazzjoni għall-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs. Huwa kkoordinat koll il-pjattaforma diġitali STARTUPGREECE li għandha l-għan primarju li tippromwovi l-ispirtu intraprenditorjali fil-Greċja.

* Is-Sur Tsagkris ġie ssekondat għall-Kummissjoni Ewropea bħala Espert Nazzjonali fis-16 ta' Lulju 2014



Il-Premju l-Kbir tal-Ġurija

Premju speċjali mogħti għall-inizjattiva intraprenditorjali meqjusa l-aktar kreattiva u ta' ispirazzjoni fl-Ewropa.

Rebbieħ

Inkoraġġiment għall-Bidu ta' Negozju minn Ommijiet bi Tfal Żgħar
Gazdagmami Kft., l-Ungerija

Fl-Ungerija, nofs l-ommijiet bi tfal żgħar ma jistgħux imorru lura għax-xogħol tagħhom fit-tmiem il-liv tal-maternità u l-impjeg ta' ommijiet bi tfal taħt it-tliet snin huwa ferm taħt il-medja tal-UE. Inkoraġġiment għall-Bidu ta' Negozju minn Ommijiet bi Tfal Żgħar huwa proġett eċċezzjonali li jgħin lill-ommijiet jiksbu l-ħiliet intraprenditorjali u l-konvinzjoni biex jifthū negozju u jaqgħu l-qligħ minnu.

Permezz tal-blogg tagħhom, paġna ta' Facebook, studji li jistgħu jitniżżlu bla ħlas, newsletter fil-ġimgħa dwar kummerċjalizzazzjoni u laqgħa fix-xahar bla ħlas tar-Round Table ta' Nisa Intraprenditorjali, l-ommijiet jistgħu jinnavigaw fid-dinja tan-negozju u jibnu relazzjonijiet ma' xulxin. Il-programmi ta' taħriġ tagħhom b'taħlil elettroniku huma mfasla apposta biex ikunu konformi mal-iskeda tal-omm, b'suġġetti li jinkludu r-riċerka, kwistjonijiet legali u tat-taxxa u ħiliet tekniċi u tal-kummerċjalizzazzjoni, li kollha huma meħtieġa biex tibda u topera negozju ta' suċċess.

Barra dan, il-proġett jospita sensiela ta' kompetizzjonijiet u avvenimenti. Sa mill-2010, il-kompetizzjoni Il-Kumpanija Omm tas-Sena ppermettiet lil 443 omm ta' tfal żgħar biex jippreżentaw in-negozji tagħhom filwaqt li l-Konferenza tal-Ommijiet fin-Negozju tiġbor flimkien ommijiet li huma interessati fin-negozju ma' dawk li huma diġà intraprendituri.



Kuntatt:
Ágnes Vida, Maniġer
tal-Kummerċjalizzazzjoni

Posta elettronika:
vidaagi@intercat.hu

Aktar informazzjoni:
www.gazdagmami.hu

Promozzjoni tal-Ispirtu Intraprenditorjali

Rikonnoxximent ta' inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jipromwovu konvinzjoni intraprenditorjali speċjalment fost iż-żgħażaġh u n-nisa.

Rebbieħ

Mobile Apps Laboratories

App Camp, JSC, il-Litwanja

Mobile Apps Laboratories hija inizjattiva biex tippromwovi l-intraprenditorija fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. Billi jaħdmu fl-akbar erba' istituzzjonijiet edukattivi tal-Litwanja, Mobile Apps Laboratories jlaqqgħu flimkien iż-żgħażaġh mal-akkademiċi u l-professjonisti industrijali biex jippreżentaw 'App Camp' matul il-ħidma fuq it-teżi tagħhom għal Baċċellerat, Master jew PhD, bil-għan li joffru prodotti u servizzi innovattivi ġodda fis-suq. Għandha l-għan ukoll li żżid in-numru ta' nisa li jiftħu negozji fit-teknoloġija tal-informazzjoni.



Kuntatt:

Tadas Jurelevičius, Kap tan-Netwerk tal-Laboratorji

Posta elettronika:

t.jurelevicius@appcamp.lt

Aktar informazzjoni:

www.appcamp.lt

Fit-tieni post



AplusB build! Start-Up Centre

build! Gründerzentrum Kärnten GmbH, l-Awstrija

AplusB build! Iż-żewġ għanijiet ewlenin ta' Start-Up Centre huma li tiġi promossa l-intraprenditorija bħala għażla ta' karriera u l-istimolu tal-intraprenditorija permezz tal-provvediment ta' kowċing, taħriġ u appoġġ finanzjarji għal proġetti innovattivi li għadhom kemm jibdew fir-reġjun ta' Karintja. Għandhom l-għan li kull sena jappoġġjaw 8-10 proġetti ġodda li għadhom kemm jibdew, u l-inizjattiva diġà ffinanzjat aktar minn 95 kumpanija li għadhom jibdew, fejn aktar minn 90 fil-mija minn dawn il-kumpaniji qed jinneozjaw b'suċċess.

Kuntatt:

Karin Ibovnik, Direttur Maniġerjali

Posta elettronika:

ibovnik@build.or.at

Aktar informazzjoni:

www.build.or.at



International Business College 20-80 Learning

Willem van Oranje College, l-Olanda

International Business College 20-80 Learning huwa programm intraprenditorjali għal studenti fl-edukazzjoni sekondarja. L-istudenti żgħażaġh ilestu l-kors standard tal-iskola sekondarja Olandiża f'erbat ijiem kull ġimgħa (80%) u matul il-kumplement tal-ħin (20%) għandhom ġurnata fl-International Business College (IBC) fejn iwaqqfu u jħaddmu n-negozju tagħhom stess. Bħalissa hemm 17-il skola attiva tal-IBC u 350 student involut f'dan il-programm edukattiv.

Kuntatt:

H.M. van der Ham- van Dijk

Posta elettronika:

hmvanderham@wvoranje.nl

Aktar informazzjoni:

www.20-80learning.nl



Investiment fil-Ħiliet Intraprenditorjali

Rikonoximent ta' inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali għat-titjib ta' ħiliet intraprenditorjali u manijerjali.

Rebbieħ

Brandiko - Taħriġ fit-Twaqqif ta' Marka u Kif Tipproteġiha bi Trejdmak Komunitarja
Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, il-Bulgarija

Brandiko - Taħriġ fit-Twaqqif ta' Marka u Kif Tipproteġiha bi Trejdmak Komunitarja jeduka lill-istudenti dwar kif iwaqqfu marka u jirreġistraw il-marka bħala Trejdmak Komunitarja. L-istudenti jistabbilixxu kumpaniji ta' taħriġ u jiġu ggwidati dwar kif iwaqqfu u jimmaniġġjaw il-marka tagħhom stess, jikkummerċjalizzaw il-marka u jużawha biex iżidu l-bejgħ. L-allievi jitgħallmu wkoll dwar l-importanza tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali. Aktar minn 1,700 student lestew il-programm Brandiko.



Kuntatt:
Ivaylo Grancharov, Kap tad-Dipartiment tal-Politika tal-SMEs

Posta elettronika:
i.grancharov@mee.government.bg

Aktar informazzjoni:
www.mi.government.bg

Fit-tieni post



BRENNEREI Next Generation Lab
WFB Wirtschaftsförderung Bremen GmbH, il-Ġermanja

Permezz tal-BRENNEREI Next Generation Lab studenti u gradwati tal-masters ikunu jistgħu jitgħallmu u jiżviluppaw approċċi intraprenditorjali ġodda. Flimkien ma' professjonisti mill-industrija tax-xjenza u kreattivi, l-istudenti jaħdmu full-time f'timijiet interdixiplinari biex isolvu l-problemi reali ta' kumpaniji jew entitajiet pubbliċi. L-attivitatijiet jinkludu analiżi u s-sejba ta' approċċi ġodda li huma soċjalment rilevanti fl-oqsma tal-komunikazzjoni, disinn tal-prodotti, u l-użu ta' midja ġodda. Ġew sottomessi madwar 60 applikazzjoni mill-Ewropa kollha għall-borża ta' studju 2014.

Kuntatt:
Andrea Kuhfuß, Uffiċjal tal-Istampa

Posta elettronika:
andrea.kuhfuss@wfb-bremen.de

Aktar informazzjoni:
www.brennerei-lab.de



L-Isfida tan-Negozju tal-Balkani tal-Punent
Junior Achievement Serbia, is-Serbja

L-Isfida tan-Negozju tal-Balkani tal-Punent hija kompetizzjoni unika għal studenti tal-iskola sekondarja mis-Serbja, il-Kroazja, il-Bosnja Herzegovina u l-Montenegro. Erba' studenti minn kull pajjiż jitqiegħdu f'timijiet imħalltin u dawn jikkompetu biex jagħtu l-aħjar idea kummerċjali għall-isfida li jiġu ppreżentati biha. L-inizjattiva tiżviluppa ħiliet intraprenditorjali u finanjarji u thegħeġ lill-istudenti biex jaħsbu b'mod proattiv. S'issa tal-anqas 1,500 student u 200 rappreżentant tal-komunità kummerċjali ħadu sehem fil-kompetizzjoni.

Kuntatt:
Darko Radicanin, Direttur Eżekuttiv

Posta elettronika:
darko.radicanin@ja-serbia.org

Aktar informazzjoni:
www.ja-serbia.org



Titjib fl-Ambjent tan-Negozju

Rikonoxximent ta' politiki innovattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jippromwovu t-twaqqif u t-tkabbir, miżuri għas-simplifikazzjoni ta' proċeduri leġiżlattivi u amministrattivi għan-negozji u l-implimentazzjoni tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" għall-benefiċċju ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju.

Rebbieħ

Start-up in 3

Ministeru tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni Pubblika (MINHAP), Spanja

Start-up in 3 hija pjattaforma tat-teknoloġija li torganizza u tissimplifika l-proċeduri tal-ħolqien ta' negozju u tal-bidu ta' negozju, li tillinkja pjattaformi eżistenti permezz ta' punt ta' aċċess waħdieni u jikkollega l-Awtoritajiet Lokali kollha fi Spanja. L-għan tal-proġett huwa li jitnaqqas il-ħin bejn it-twaqqif ta' kumpanija u ż-żmien li jgħaddi sabiex intrapriża ssir operazzjonali għal tliet ijiem biss li jinkiseb permezz tar-reġistrazzjoni tal-intrapriża permezz ta' sistema bbażata fil-cloud.



Kuntatt:

Manuel Ruiz del Corral, Konsulent Eżekuttiv

Posta elettronika:

manuel.ruiz1@seap.minhap.es

Aktar informazzjoni:

www.minhap.es

Fit-tieni post



Ikber u Kkompeti b'Kuntratti tan-Network tan-Negozju

Unioncamere Emilia-Romagna, l-Italja

Ikber u Kkompeti b'Kuntratti tan-Network tan-Negozju, l-iżvilupp ta' networks tan-negozju bħala fattur ewlieni ta' kompetittività u suċċess għall-SMEs jippromwovi u jqasam kultura ta' kuntratti kummerċjali, b'mod partikolari biex jiffaċilita l-proċessi tal-internazzjonalizzazzjoni u jżid il-kompetittività fi swieq barranin. Il-proġett jinkludi fażi ta' taħriġ u fażi ta' appoġġ personalizzat għal negozji li jesprimu intenzjoni li jaggregaw permezz ta' kuntratti tan-network. S'issa, il-proġett wassal għall-finalizzazzjoni ta' 12-il kuntratt tan-network, li jinvolvu 50 negozju.

Kuntatt:

Maily Anna Maria Nguyen, Maniġer tal-Proġett

Posta elettronika:

annamaria.nguyen@rer.camcom.it

Aktar informazzjoni:

www.ucer.camcom.it



Il-Proġett Sharp

Il-Kunsill tal-Belt ta' Manchester, ir-Renju Unit

Il-Proġett Sharp bidel ċentru tad-distribuzzjoni battal f'ċentru tal-midja għal aktar minn 60 kumpanija, inkluż dawk li jispesjalizzaw fil-produzzjoni ta' kontenut diġitali, il-midja diġitali u l-produzzjoni tat-TV u l-films. Huwa post fejn l-isparzju, l-enerġija, il-konnettività u l-persuni jiltaqgħu f'ambjent ta' ispirazzjoni biex jżviluppaw karrieri u jikkompetu fuq il-palk globali. L-għan tal-proġett huwa li jitnaqqsu l-ostakli li jipprevjenu negozji kreattivi u diġitali milli jikbru, joħloqu l-impjiegi u jiġġeneraw il-ġid.

Kuntatt:

Colin Johnson, Deputat Maniġer Ġenerali

Posta elettronika:

colin.johnson@thesharpproject.co.uk

Aktar informazzjoni:

www.thesharpproject.co.uk



Appoġġ għall-Internazzjonalizzazzjoni tan-Negozju

Jirrikonoxxi politiki u inizjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali biex jiġu inkoraġġiti l-intrapriżi u partikolarment negozji ta' daqs żgħir u medju biex jibbenefikaw iktar mill-opportunitajiet offruti mis-swieq kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Unjoni Ewropea.

Rebbieħ

MIRABILIA: Network Ewropew ta' Siti tal-Unesco

Kamra tal-Kummerċ, l-Industrija, l-Artiġjanat u l-Agricoltura ta' Matera, l-Italja

MIRABILIA: In-Network Ewropew tas-Siti tal-Unesco jillinkja flimkien oqsma ta' sinifikat komuni storiċi, kulturali u ambjentali għall-ewwel darba. Il-proġett huwa mmirat biex joħloq network ta' postijiet rikonoxxuti mill-UNESCO bħala siti ta' Patrimonju Dinji, iżda li huma inqas magħrufa fit-turiżmu Taljan u internazzjonali, bil-għan li jipprovmovihom f'mod ikkoordinat u organizzat lit-turisti Taljani u barranin.



Kuntatt:
Angelo Tortorelli, President

Posta elettronika:
direzione@mt.camcom.it

Aktar informazzjoni:
www.mirabilianetwork.eu

Fit-tieni post



Idħol fiċ-Ċirku

Ċentru tal-Erasmus għall-Intraprenditorija, l-Olanda

Idħol fiċ-Ċirku hija pjattaforma dinjija għal kumpaniji li għandhom jibdedw sabiex iżidu l-kapital. Tiġbor flimkien l-intraprendituri l-aktar promettenti mid-dinja kollha u tagħtihom l-opportunità li jiżguraw investiment sa €1,000,000 billi jagħmlu promozzjoni quddiem investituri internazzjonali prominenti. Hemm aktar minn 1,326 negozju li għandhom jibdedw u li qed jipparteċipaw, li jattiraw aktar minn €6 miljun f'investimenti.

Kuntatt:
Elbert Stoof, Maniġer tal-Proġett

Posta elettronika:
elbert@erasmus-entrepreneurship.nl

Aktar informazzjoni:
www.getinthering.nl



Living Heritage Company Label

Il-Gvern Franċiż, Franza

Living Heritage Company Label tiffoka fuq il-valutazzjoni tal-kwalità u tingħata mill-Gvern Franċiż biex tiddistingwi kumpaniji b'ħiliet eċċellenti fl-artiġjanat u l-industrija. Negozji rikonoxxuti huma karatterizzati bi storja twila fin-negozju, kapaċitajiet tal-innovazzjoni u l-għarfien rari li għen jistabbilixxi r-reputazzjoni tagħhom. Sa mill-2005, it-tikketta ġiet ippremjata lil 1,157 kumpanija, li jammontaw għal 53,000 impjeg u aktar minn €11-il biljun f'fatturat kumulattiv.

Kuntatt:
Bruno Geeraert, Kap tat-Tessuti

Posta elettronika:
bruno.geeraert@finances.gouv.fr

Aktar informazzjoni:
www.dgcis.gouv.fr



Appoġġ tal-Iżvilupp ta' Swieq Ħodor u Effiċjenza ta' Riżorsi

Jirrikonoxxi politiki u inizzjattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali li jappoġġjaw aċċess tal-SMEs għal swieq ħodor u jgħinu biex titjieb l-effiċjenza fir-riżorsi tagħhom permezz, pereżempju, tal-iżvilupp ta' ħiliet ħodor u senseriji kif ukoll il-finanzjament.

Rebbieħ

AMS – Naħsbu 'l Quddiem

Aġenzija għall-Investment u l-Kummerċ Barrani tal-Portugall, Intrapriża Pubblika bi sħubija ma' AMS-BR Star Paper S.A., il-Portugall

AMS – Naħsbu 'l Quddiem sfidat lilha nnifisha li ssir "il-fornitur l-aktar effiċjenti tat-tessut fil-Peninsula Iberika", u kisbet dan permezz tal-innovazzjoni u d-differenzjazzjoni. Irrevoluzzjonat il-proċessi industrijali tradizzjonali billi installat konnessjoni bil-pipeline mal-fornitur tagħha tal-polpa; alleanza unika li naqqset l-emissjonijiet tas-CO2 bi 11,000 tonnellata fis-sena u ġġenerat kompetittività sinifikanti fis-swieq esterni.



Kuntatt:
Paulo Santos, Direttur tal-Finanzjament

Posta elettronika:
paulo.santos@ams-gomacamps.eu

Aktar informazzjoni:
www.amspt.eu

Fit-tieni post



EU LIFE+ Investment fl-Ilma
Malta Business Bureau, Malta

EU LIFE+ Investment fl-Ilma huwa mmirat biex jidentifika miżuri għall-iffrankar tal-ilma fost intrapriżi bl-aħjar prassi, it-tqassim ta' din l-informazzjoni lil oħrajn u appoġġ għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-proġett huwa ffukat fuq il-qsim ta' informazzjoni permezz ta' laqgħat wiċċ imb'wiċċ, materjal stampat u CD interattiv, workshops u permezz tal-websajt. Il-proġett identifika 26 impriża bl-aħjar prassi u ffranka madwar 141 miljun litru ta' ilma fis-sena.

Kuntatt:
Joe Tanti, Kap Uffiċjal Eżekuttiv

Posta elettronika:
ceo@mbb.org.mt

Aktar informazzjoni:
www.investinginwater.org



L-Iżvilupp ta' Mudell bi Spejjeż Baxxi u Applikabbli b'Mod Mifrux għal Produzzjoni Nadifa fl-Industrija tal-Finitura tat-Tessuti
Uludağ Textile Exporters Association (UTEA), it-Turkija

L-Iżvilupp ta' Mudell bi Spejjeż Baxxi u Applikabbli b'Mod Mifrux għal Produzzjoni Nadifa fl-Industrija tal-Finitura tat-Tessuti huwa proġett li kien tal-ewwel li żviluppa mudelli biex titnaqqas il-kwantità ta' materja prima użata fl-industrija tat-tessuti u jippromwovi l-produzzjoni sostenibbli. Il-proġett irriżulta f' metodoloġiji u proċessi solidi li jistgħu jiġu adottati b'mod mifrux u użati minn għadd ta' negozji tal-manifattura bi kważi ebda spiża.

Kuntatt:
Şengül Teke, Direttur

Posta elettronika:
tekes@uib.org.tr

Aktar informazzjoni:
www.uib.org.tr



Intraprenditorija Responsabbli u Inklużiva

Jirrikonoxxi inizjattivi nazzjonali, reġjonali jew lokali minn awtoritajiet jew sħubiji pubbliċi/privati li jippromwov u r-responsabbiltà soċjali korporattiva fost intrapriżi ta' daqs żgħir u medju inklużi sforzi biex jippromwov u l-intraprenditorija fost gruppi żvantaġġjati bħal dawk qiegħda, speċjalment dawk qiegħda fuq żmien twil, migranti legali, persuni b'diżabbiltà jew persuni minn minoritajiet etniċi.

Rebbieħ

Wiesbaden Engaged! L-Istrateġija taċ-Ċittadinza Korporattiva tal-Belt ta' Wiesbaden
Municipalitá tal-Belt ta' Wiesbaden - Aġenzija għall-Ħidma Soċjali, il-Ġermanja

Wiesbaden Engaged! L-Istrateġija taċ-Ċittadinza Korporattiva tal-Belt ta' Wiesbaden tippromwov u s-sens soċjali tar-responsabbiltà tan-negozji u l-intraprendituri f'Wiesbaden. Huma żviluppaw erba' attivitajiet ewlenin fi ħdan il-proġett; jum annwali li jippromwov u l-impenn soċjali, żewġ proġetti fuq żmien fit-tul li jippromwov u l-integrazzjoni u l-impjegabilità, premju għal negozji impenjati biex jistabilixxu reputazzjoni lokali u parteċipazzjoni f'networking nazzjonali tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u proġett ta' konsultazzjoni.



WIESBADEN
ENGAGIERT!

Kuntatt:
Hildegunde Rech, Kap tax-Xogħol taż-Żgħażaġħ

Posta elettronika:
hildegunde.rech@wiesbaden.de

Aktar informazzjoni:
www.wiesbaden.de

Fit-tieni post



Konsorzju tad-disinn "Bini u tagħmir ta' Ċentru Intramunicipali għar-Riabilitazzjoni Vokazzjonali"
Assoċjazzjoni Pollakka għal Persuni b'Diżabbiltà Mentali, il-Polonja

Konsorzju tad-disinn "Bini u tagħmir ta' Ċentru Intramunicipali għar-Riabilitazzjoni Vokazzjonali" għandu l-mira li jtejjeb l-opportunitajiet tax-xogħol għal persuni b'diżabbiltajiet, b'mod partikolari diżabbiltajiet mentali, biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod ugwali fis-soċjetà u f'kapaċità professjonali. Iċ-Ċentru għar-Riabilitazzjoni joffri impjegi fi ħdan tmien dipartimenti inkluż catering, manutenzjoni ta' ġonna u riċiklaġġ. L-impjegati mhux biss jaqilgħu l-flus, iżda wkoll jirċievu taħriġ f'ħiliet vokazzjonali u soċjali biex iħeġġu l-għajxien indipendenti.

Kuntatt:
Barbara Jaskierska, Ċerpersin

Posta elettronika:
biuro@psouuszczein.org.pl

Aktar informazzjoni:
www.psouuszczein.org.pl



It-Tim tal-Intraprendituri
Association Nationale des Groupements de Créateurs (ANGC), Franza

It-Tim tal-Intraprendituri jgħin lil persuni żgħażaġh u bla ħiliet, inklużi dawk esklużi mill-iskola, biex jirnexxu fl-impjieg u l-awtonomija. Il-proġett joffri tagħlim u kowċing ibbażati fuq l-intraprenditorija u jinvolvi żewġ fażijiet ewlenin; Diploma Universitarja fil-Molqien ta' Negozju li hija aċċessibbli għal dawk li mhumiex ikkwalifikati, segwita minn poġġ soċjoprofessionali b'kollaborazzjoni ma' korp ta' konsulenza dwar l-intraprenditorija u Università. Il-proġett appoġġja 167 individwu; 23% mrexilhom joħlqu negozju tagħhom stess.

Kuntatt:
Didier Dugast, Direttur

Posta elettronika:
didier.dugast@groupement-de-createurs.fr

Aktar informazzjoni:
www.groupement-de-createurs.fr



Referenzi Speċjali

Primarja għal Professjonali Gower College Swansea, ir-Renju Unit

Primarja għal Professjonali (P2P) jingaġġa allievi tal-iskejjel primarji u sekondarji, fejn jiġu introdotti għal ħiliet intraprenditorjali importanti inkluż kreattività, innovazzjoni u teħid ta' riskju u jwassal għal akkademja ta' intrapriża speċjalista għal negozji li għadhom jibdew. Din żviluppat fl-appoġġ għal negozji li għadhom jibdew bl-ewwel Start Up Weekend f'Wales u t-Tech Hub il-ġdid għal intraprendituri tekniċi ġodda. Aktar minn 4,000 alliev tal-iskejjel sekondarji ħadu sehem f'Young Business Dragons u l-intrapriża issa hija inkorporata f'għadd ta' istituzzjonijiet edukattivi madwar Swansea.



Gower College Swansea
Coleg Gŵyr Abertawe

Kuntatt:
Sue Poole, Maniġer għat-Tagħlim tal-Intrapriża

Posta elettronika:
sue.poole@gowercollegeswansea.ac.uk

Aktar informazzjoni:
www.gowercollegeswansea.ac.uk

Sorsi tas-Saħħa Industrie- und Wirtschaftsentwicklung Murtal GmbH, l-Awstrija

Sorsi tas-Saħħa għandha ħames objettivi ċari għat-titjib tal-ekonomija tal-manifattura fir-reġjun ta' Murtal-Murau. Dawn jinkludu l-bini ta' immaġni sostenibbli tal-ekonomija industrijali/tal-manifattura, it-tqegħid ta' dan is-settur bħala impjegatur attraenti, it-tiħiħ tal-integrazzjoni tan-negozji fir-reġjun u l-iżvilupp ta' prodott industrijali turistiku u t-tnedija ta' dan fis-suq tat-turiżmu. Sa mill-bidu tagħha, 61 kumpanija ewlenija ngħaqdu flimkien biex isaħħu l-integrazzjoni tas-servizzi tal-industrija u tal-kummerċ fir-reġjun.



Kuntatt:
Dr Bibiane Puhl, Direttur

Posta elettronika:
bibiane.puhl@euregionalmanagement.at

Aktar informazzjoni:
www.kraft.dasmurtal.at

DO IT - Ideat ta' Oriġini Portugiża Calouste Gulbenkian Foundation bi sħubija mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Portugall

DO IT – Ideat ta' Oriġini Portugiża hija kompetizzjoni biex tuża l-esperjenza, it-talent u d-dinamiżmu tal-emigranti Portugiżi għall-benefiċċju tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Bl-islogan "Jaħsbu fiha hemm, jagħmluha hawn", il-proġett għandu l-mira biex jintagħżlu u jippromwovu ideat u jappoġġja t-tweqqi ta' proġetti ta-intraprenditorija soċjali li jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni tat-tendenzi tal-emigrazzjoni f'mod effettiv għas-soċjetà Portugiża u l-pajjiż inġenerali.



Kuntatt:
Luisa Valle, Direttur tal-Programm tal-Iżvilupp Uman

Posta elettronika:
lvalle@gulbenkian.pt

Aktar informazzjoni:
www.gulbenkian.pt

Il-Premju Ewropew għall- Promozzjoni tal-Intrapriża 2015 ser jiġi mniedi kmieni fl-2015

lċ-ċerimonja ta' premjazzjoni ser tittella' waqt l-Assemblea SME 2015 fil-Lussemburgu taħt il-Prezidenza Lussemburgiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Jekk jogħġbok iċċekkja l-websajt tal-EEPA, il-paġna ta' Facebook u Twitter (Ingliż, Spanjol, Franċiż, Taljan u Ġermaniż) għal aktar dettalji.



Rebbieġa Nazzjonali 2014

Promozzjoni tal-Ispirtu Intraprenditorjali

L-Awstrija

AplusB build! Start-Up Centre
www.build.or.at

Il-Belġju

Il-Premju Intraprenditorjali
www.ondernemersaward.be

Il-Kroazja

Iċ-Ċentru tal-Ewropa tax-Xlokk għat-Tagħlim
Intraprenditorjali (SEECCEL) www.seecel.eu

Ċipru

L.A.D Little Anonymous Designers
(Disinjaturi Anonimi Żgħar)
www.dias.ac.cy/scholeia/tech-technikischolib-lem/el/Pages/introduction.aspx

Ir-Repubblika Ċeka

Il-Premju Reġjonali tal-President
għar-Responsabbiltà Soċjali
www.kr-moravskoslezsky.cz

Il-Greċja

Innovation Odysseys
<http://ok2013.rc.uoi.gr>

L-Ungerija

Inkoraġġiment għall-Bidu ta' Negozju minn
Ommijiet bi Tfal Żgħar www.gazdagmami.hu

L-Islanda

Il-proġett Edukazzjoni Innovattiva
www.nyskopunartorg.is

L-Irlanda

Cork Innovates
www.corkinnovates.com

Il-Latvja

Jum in-Negozji ż-Żgħar
www.mazabiznesadiena.lv

Il-Litwanja

Mobile Apps Laboratories
www.appcamp.lt

L-Olanda

International Business College 20-80 Learning
www.20-80learning.nl

Il-Polonja

Peasant School of Business
www.mik.krakow.pl

Is-Serbja

Youth Business Serbia
www.biznismladihsrbije.org

Is-Slovakkja

Idea Kummerċjali tas-Sena
www.zmps.sk

Spanja

Netwerk ta' Inkubaturi tan-Negozju: Intraprendituri Urbani
www.promalaga.es

L-Isvezja

Designlabland - Azzjoni b'Passjoni
www.designlabland.se

Investiment f'Ħiliet Intraprenditorjali

Il-Belġju

Nisa fin-Negozju
www.credal.be

Il-Bulgarija

Brandiko- Taħriġ fit-Twaqqif ta' Marka u Kif Tiproteġiha bi
Tredmark Komunitarja
www.mi.government.bg

Ċipru

Implimentazzjoni tal-Istandard "Investituri fin-Nies" f'Intrapriżi u
Organizzazzjonijiet Ċiprijoti
www.oeb.org.cy

Rebbieġa Nazzjonali 2014



Id-Danimarka

L-Iżvilupp tan-Negozju Permezz tat-Tmexxija
www.vhsyd.dk



Il-Ġermanja

BRENNEREI Next Generation Lab
www.brennerei-lab.de



L-Islanda

Plastic Processing Education
www.fnv.is



Is-Serbja

L-Isfida tan-Negozju tal-Balkani tal-Punent
www.ja-serbia.org



Ir-Renju Unit

Primarja għal Professjonali (P2P)
www.gowercollegeswansea.ac.uk

Titjib fl-Ambjent tan-Negozju



L-Awstrija

Sorsi tas-Saħħa
<http://kraft.dasmurtal.at>



Id-Danimarka

The Future Factory Southern Funen
www.fremtidsfabrikken.com



L-Estonja

Narva - Pont Ekonomiku Bejn l-UE u r-Russja
www.ivia.ee



Il-Finlandja

Runway, Commercialisation Runway of Innovations
www.kuopioinnovation.fi



L-Italja

Ikber u Kkompeti b'Kontratti tan-Netwerk tan-Negozju
www.ucer.camcom.it



Il-Latvja

Fieri tax-Xogħol
www.nva.gov.lv



Il-Litwanja

STI - Kompletament diġitali
www.vmi.lt



Malta

Komunità li qed Tiffjorixxi Permezz ta' Ekonomija Aktar b'Saħħitha www.naxxar.com



Ir-Rumanija

Il-Programm għall-Istimolu tal-Fondazzjoni u l-Iżvilupp ta' Mikrointrapriżi minn Intraprendituri Żgħażaġħ
www.aippimm.ro



Is-Slovenja

Iċ-Ċentru Reġjonali għall-Ekonomija Kreattiva
www.rralur.si



Spanja

Start-up in 3
www.minhap.es



It-Turkija

ITÜ Çekirdek
www.itucekirdek.com



Ir-Renju Unit

Il-Proġett Sharp www.thesharpproject.co.uk

Appoġġ għall-Internazzjonalizzazzjoni tan-Negozju



L-Estonja

Startup Wise Guys Accelerator
www.startupwiseguys.com



Franza

Living Heritage Company Label
www.dgcis.gouv.fr

Rebbieħa Nazzjonali 2014

L-Ungerija

Ġranet tal-Moda fl-Ewropa Ċentrali/ Re-Button It!
www.designterminal.hu

L-Italja

MIRABILIA: Network Ewropew tas-Siti tal-Unesco
www.mirabilianetwork.eu

L-Olanda

Idħol fiċ-Ċirku
www.getinthering.nl

Appoġġ tal-Iżvilupp ta' Swieq Ħodor u Effiċjenza ta' Riżorsi

Malta

EU LIFE+ Investiment fl-Ilma
www.investinginwater.org

Il-Portugall

AMS – Naħsbu 'l Quddiem
www.amspt.eu

Ir-Rumanija

EFFECT- Aġġornament ta' Akkwist Pubbliku li huwa Effiċjenti fl-Enerġija għal Tkabbir Ekonomiku Bilanċjat fiż-Żona tax-Xlokk tal-Ewropa
www.adrnordest.ro

It-Turkija

L-Iżvilupp ta' Mudell bi Spejjeż Baxxi u Applikabbli b'Mod Mifrux għal Produzzjoni Nadifa fl-Industrija tal-Finitura tat-Tessuti
www.uib.org.tr

Intraprenditorija Responsabbli u Inklużiva

Il-Kroazja

L-Iżvilupp Strateġiku tal-Intraprenditorija Soċjali fil-Kontea ta' Medjimurje
www.act-grupa.hr

Ir-Repubblika Ċeka

Akkwist Pubbliku Soċjalment Responsabbli
www.mesto-most.cz

Franza

It-Tim tal-Intraprendituri
www.groupement-de-createurs.fr

Il-Ġermanja

Wiesbaden Engaged! L-Istrateġija taċ-Ċittadinanza Korporattiva tal-Belt ta' Wiesbaden
www.wiesbaden.de

Il-Greċja

Il-Proġett Ewropew INTEREG IVC DESUR
<http://pta.pdm.gr/pdm>

Il-Lussemburgu

Disinn għal Kulħadd – Eurewelcome
www.mdt.public.lu

Il-Polonja

Konsorzju tad-disinn "Bini u tagħmir taċ-Ċentru Intramunicipali għar-Riabilitazzjoni Vokazzjonali"
www.psouuszczein.org.pl

Il-Portugall

DO IT - Ideat ta' Oriġni Portugiża
www.gulbenkian.pt

Is-Slovakkja

Folk Crafts - l-opportunità għal kulħadd
www.ludoveremesla.org

Is-Slovenja

Il-Premju Sloven għar-Responsabbiltà Soċjali – HORUS
www.horus.si

L-Isvezja

Innovazzjoni taż-Żgħażaġħ
www.tillvaxtverket.se

Rebbieña tal-Premju l-Kbir tal-Ġurija fil-Passat

Il-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża tnieda fl-2006 Minn dak iż-żmien kien hemm 56 sottomissjoni rebbieña inkluż Rebbieñ tal-Premju l-Kbir tal-Ġurija f'kull kompetizzjoni. Rebbieña tal-Premju l-Kbir tal-Ġurija fil-Passat jinkludu:



2013

Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir

Il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija tal-Latvia, Riga, il-Latvja

Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir ġiet żviluppata biex tgħin lil-Latvja toħroġ mill-kriżi ekonomika. L-inizjattiva għenet lill-mikrointrapriżi billi ppromwoviet il-ħolqien ta' rata tat-taxxa speċjali u ssimplifikat is-sistema tal-kontijiet tat-taxxa. Introduċiet ukoll programm ta' mikrokreditu u għamlet disponibbli f'post wieħed l-informazzjoni dwar it-tnedija ta' negozju.

Meta tnieda l-qafas għall-mikrointrapriżi, l-ekonomija sotterranja fil-Latvja laħqed 38.1% tal-PDG. B'riżultat ta' din l-inizjattiva, il-proporzjon tal-ekonomija sotterranja fl-2011 naqqset għal 30.2% filwaqt li fl-2012 naqqset għal 21.2% tal-PDG. Total ta' 28,000 intrapriża użaw is-sistema ssimplifikata tal-kontijiet tat-taxxa.

www.chamber.lv

2012

Outset

YTKO
Cambridgeshire, ir-Renju Unit

Outset tfassal biex juri lil dawk qiegħda li l-impjeg indipendenti u l-intrapriża huma alternattiva realistika għall-qgħad. Fl-aħħar 3 snin, is-servizz Outset iltaqa' ma' aktar minn 16,000 individwu, fejn appoġġja l-ħolqien ta' 3,200 negozju ġdid u 3,500 impjeg ġdid.

www.outset.org

2011

Barcelona Activa

Barcelona Activa SAU SPM
Kunsill tal-Belt ta' Barcellona, Spanja

Iċ-ċentru, bil-missjoni tiegħu li jitttrasforma l-intraprenditorija u t-tkabbir tan-negozju f'Barcellona, jaġixxi bħala punt ta' referenza u ċentru għall-impreditturi u juża mudell innovattiv ta' servizzi onlajn u fuq il-post biex iħarreġ l-individwi. Sal-lum, is-servizz appoġġja 4,293 kumpanija u 2,653 proġett ta' intraprenditturi.

www.barcelonactiva.cat

Il-Promoturi tal- Premju Ewopew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża



L-Assemblea tar-Reġjuni Ewropej (AER.eu) hija l-akbar netwerk indipendenti ta' reġjuni fl-Ewropa kollha. L-AER li tiġbor fiha aktar minn 270 reġjun minn 33 pajjiż u 16-il organizzazzjoni interreġjonali, hija l-vuċi politika tal-membri tagħha u forum ta' kooperazzjoni interreġjonali.

www.aer.eu/



L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Aġenziji ta' Żvilupp Ekonomiku (EURADA) hija netwerk mifrux madwar l-Ewropa kollha ta' nies li jaħdmu fuq l-iżvilupp ekonomiku. L-EURADA mexxiet l-aġenda politika, fost l-oħrajn, fil-politika reġjonali, il-finanzjament tan-negozji ż-żgħar (l-EURADA waqqfet in-Netwerk Ewropew tal-Paladini tan-Negozju), l-intraprenditorija u l-innovazzjoni.

www.eurada.org



EUROCHAMBRES hija l-Assoċjazzjoni tal-Kmamar Ewropej tal-Kummerċ u l-Industrija. Tirrappreżenta aktar minn 20-il miljun intrapriża fl-Ewropa u netwerk Ewropew ta' 1700 Kamra reġjonali u lokali f'43 pajjiż. Aktar minn 98 % tal-intrapriżi huma intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

www.eurochambres.eu

EUROPEAN UNION



Committee of the Regions

Il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) fi Brussell ġie stabbilit bit-Trattat ta' Maastricht fl-1994 bħala korp konsultattiv li jagħti vuċi lir-rappreżentanti tal-gvernijiet lokali u reġjonali fil-qalba tal-Unjoni Ewropea.

<http://cor.europa.eu/Pages/welcome.html>



EUROCITIES tirrappreżenta aktar minn 135 belt ewlenija f'34 pajjiż Ewropew. EURO CITIES taħdem f'isem il-bliet mal-istituzzjonijiet Ewropej fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet li jolqtu lill-awtoritajiet lokali, u tippermetti l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-governanza lokali fost il-membri tagħha.

www.eurocities.eu



Union Européenne de l'Artisanat et des Petites et Moyennes Entreprises (UEAPME) hija l-organizzazzjoni tal-impjegaturi li tirrappreżenta l-interessi tal-artiġjanat, in-negozji u l-SMEs fuq il-livell tal-UE. L-UEAPME hija Msieħeb Soċjali Ewropew rikonoxxut. L-UEAPME tinkorpora 84 organizzazzjoni membru minn 36 pajjiż.

Tirrappreżenta aktar minn 12-il miljun intrapriża, li jħaddmu madwar 55 miljun persuna madwar l-Ewropa.

www.ueapme.com

Il-Kummissjoni Ewropea DĠ Intrapriża u Industrija

Fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija tal-Kummissjoni Ewropea jaħdem biex jipprovi ambjent aktar favorevoli għan-negozju Ewropew. Jiżgura li l-politiki tal-Unjoni Ewropea jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-intrapriżi tal-UE billi jinkoraġġixxi l-intraprenditorija u l-innovazzjoni. Fil-qalba ta' din il-politika jinsabu l-intrapriżi żgħar u medji peress li huma l-fornituri prinċipali ta' impjiegi u tkabbir fl-Ewropa. Id-DĠ Intrapriża jaħdem mal-komunità kummerċjali biex jgħin jiżviluppa intrapriża innovattiva, kompetittiva u responsabbli u mal-Istati Membri biex jimplementaw l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa. http://ec.europa.eu/enterprise/index_mt.htm

Il-Portal Ewropew ta' Negozji Żgħar

Tixtieq tkun taf x'tagħmel l-UE sabiex tqanqal aktar in-negozji ż-żgħar fl-Ewropa u fuq is-suq globali, u x'tista' tagħmel għan-negozju tiegħek? Dan il-portal multilingwu jiġbor flimkien l-informazzjoni kollha pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea dwar u għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, li tvarja minn parir prattiku għal kwistjonijiet ta' politika, għal punti ta' kuntatt lokali għal ħoloq fuq netwerking.

http://ec.europa.eu/small-business/index_mt.htm

Għal gwida prattika dwar kif tmexxi negozju fl-Ewropa, zur:
http://europa.eu/youreurope/business/index_mt.htm

Premju Ewropew għall- Promozzjoni tal-Intrapriża

Għal aktar informazzjoni:

Segretarjat tal-Premju Ewropew għall-Intrapriża
E-mail: eu.enterprise.promotion.awards@hanovercomms.com
Tel: +44 20 74 00 89 95 - Fax: +44 20 74 00 44 81

Segwi l-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża fuq il-Midja Soċjali:

 [Twitter.com /@eepa_en](https://twitter.com/eepa_en) (għall-Ingliż)
[Twitter.com /@eepa_fr](https://twitter.com/eepa_fr) (għall-Franċiż)
[Twitter.com /@eepa_es](https://twitter.com/eepa_es) (għall-Ispanjol)
[Twitter.com /@eepa_it](https://twitter.com/eepa_it) (għat-Taljan)
[Twitter.com /@eepa_de](https://twitter.com/eepa_de) (għall-Ġermaniż)

 [Facebook.com/European.Enterprise.Promotion.Awards](https://www.facebook.com/European.Enterprise.Promotion.Awards)

 [YouTube.com/PromotingEnterprise](https://www.youtube.com/PromotingEnterprise)

Rivista tal-Intrapriża u tal-Industrija

Ir-rivista onlajn Enterprise & Industry (http://ec.europa.eu/enterprise/magazine/index_en.htm) tkopri kwistjonijiet marbuta mal-SMEs, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, is-suq waħdieni għal oġġetti, kompetittività u l-protezzjoni tal-ambjent, politiki dwar l-industrija f'firxa wiesgħa ta' setturi, u aktar.

L-edizzjoni stampata tar-rivista tiġi ppubblikata tliet darbiet fis-sena. Tista' tabbona onlajn - (http://ec.europa.eu/enterprise/magazine/print-edition/subscription/index_en.htm) biex tirċevih bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż jew bit-Taljan - mingħajr ħlas bil-posta.



http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/best-practices/european-enterprise-awards/index_mt.htm



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-38954-2
doi:10.2769/30766
verżjoni: MT